**QORTI KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Att ta' Akkuża Numru 45/2024/1**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs.**

**Ahmed Rasem A. Franka**

Illum 28 ta' Novembru 2024

Il-Qorti,

1. Rat l-Att ta' Akkuża kontra l-akkużat **Ahmed Rasem A. Franka**, detentur tal-Karta tal-Identita' Maltija bin-Numru 115587(A) u ta' Passaport Libjan bin-Numru 246458, li bih huwa ġie akkużat mill-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta bis-segwenti:

**L-Ewwel (1) Kap**
**Kompliċita' F'Offiża Gravi Fuq Il-Persuna Ta' Carlos Augusto De La Espriella Perez Li Wara Miet Biha:**

**Talli nhar id-dsatax (19) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) għall-ħabta tat-tlieta u għaxra ta' filgħodu (03:10), ġewwa Paceville, San Ġiljan u fi bnadi oħra fil-Gżejjer Maltin, irrenda ruħu kompliċi ma' terza persuna (Zyad Mohamed Drebeka) li, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor (Carlos Augusto De La Espriella Perez) f'periklu ċar, ikkaġuna offiża gravi fuq il-persuna tal-istess Carlos Augusto De La Espriella Perez li biha ġrat il-mewt tal-istess Carlos Augusto De La Espriella Perez, u dan minħabba biss in-natura jew il-konsegwenzi naturali tal-offiża u mhux għal xi ħaġa aċċidentali li nqalgħet wara, liema mewt ġrat fi żmien erbgħin ġurnata li jibdew jgħoddu mill-aħħar nofs il-lejl ta' qabel id-delitt u ċioè nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016).**

**<u>It-Tieni (2) Kap</u>**
**<u>Ksur Tal-Bon Ordni Jew Il-Kwiet Tal-Pubbliku</u>:**

**Talli fid-dsatax (19) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) għall-ħabta tat-tlieta u għaxra ta' filgħodu (03:10) ġewwa Paceville, San Ġiljan u fi bnadi oħra fil-Gżejjer Maltin, volontarjament, kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku.**

**<u>It-Tielet (3) Kap</u>**
**<u>Partikolaritajiet Mhux Korretti Fuq Il-Karta Tal-Identita'</u>:**

**Talli matul il-ġranet u x-xhur ta' qabel is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016), f'dawn il-Gżejjer naqas mingħajr dewmien milli jirrapporta lill-uffiċjal awtorizzat li xi waħda mill-partikolaritajiet jew xi tagħrif ieħor li jinsab fil-karta tal-identita' tiegħu ma baqax aktar korrett.**

**<u>Ir-Raba' (4) u L-Aħħar Kap</u>**
**<u>Ksur Tal-Kundizzjonijiet Tal-Libertà Proviżorja</u>:**

**Talli fid-dsatax (19) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) ġewwa Paceville, San Ġiljan u postijiet oħra f'dawn il-Gżejjer, kiser il-kundizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati, mill-Maġistrat Dr. Carol Peralta LL.D. fid-digriet datat wieħed u għoxrin (21) ta' Jannar tas-sena elfejn u ħmistax (2015) meta ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt depożitu ta' elf Euro (EUR1,000) u taħt garanzija personali li tammonta għal elfejn Euro (EUR 2,000).**

2. Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet tal-akkużat Ahmed Rasem A. Franka, flimkien mal-Lista tax-Xhieda u l-Lista ta' Dokumenti ppreżentati fl-1 ta' Awwissu 2024.[1]

3. Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali ppreżentata fil-11 ta' Settembru 2024[2] għan-Nota ta' Eċċezzjonijiet tal-akkużat Ahmed Rasem A. Franka.

4. Rat l-atti proċesswali kollha, inkluż l-atti tal-kumpilazzjoni sabiex tindaga dwar l-eċċezzjonijiet li jridu jiġu deċiżi.

5. Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

**L-Ewwel, it-Tieni u t-Tielet Eċċezzjoni**

6. Illi din il-Qorti ser tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-ewwel, it-tieni u t-tielet eċċezzjoni flimkien. Il-konsulent legali tal-akkużat għamel is-sottomissjonijiet tiegħu dwarhom flimkien meta kien qed jagħmel is-sottomissjonijiet finali bil-fomm fis-seduta tat-12 ta' Settembru 2024.

7. Illi fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu (dik immarkata bin-numru "3" fin-Nota ta' Eċċezzjonijiet), l-akkużat jitlob l-isfilz tal-filmat elevat minn PC 51 Paul Sciberras liema filmat ġie mgħoddi lill-espert Dr.

[1] *A fol.* 23 *et seq.*
[2] *A fol.* 30 *et seq.*

Steven Farrugia Sacco u minnu ġie ppreżentat. Jisħaq li tali prova u kwalsiasi riferenza għaliha mhijiex ammissibbli minħabba li PC 51 Paul Sciberras qatt ma ġie maħtur bħala espert mill-Qorti (la mill-Maġistrat Inkwirenti u lanqas mill-Qorti Istruttorja) sabiex jeleva dan il-filmat bil-konsegwenza li kellu jkun l-espert imqabbad mill-Qorti li kellu jeleva tali filmat mid-*dashcam* misjuqa minn Jason Borg.

8. Illi rigward l-ewwel eċċezzjoni, fir-Risposta tiegħu l-Avukat Ġenerali jisħaq li l-mod ta' kif ġie elevat il-filmat ma jirrendihx inammissibbli. Jgħid li ma kien hemm l-ebda regola li twaqqaf lil PC 51 Paul Sciberras milli jiġbor il-filmat in kwistjoni hekk kif fil-fatt kien fid-dmir tiegħu u jgħaddi dan il-filmat lill-espert imqabbad mill-Qorti. Jagħmel riferenza għas-sentenza fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Daniel Muka** (Numru 6/2022) deċiża fis-26 ta' April 2023 u għas-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Omissis** (Numru 4/2021) deċiża fl-1 ta' Lulju 2021 u jisħaq li ngħad li sakemm ma hemmx regola li teskludi prova allura din il-prova hija ammissibbli salv dejjem il-kwistjoni tal-valur probatorju tal-prova.

9. Illi fit-<u>tieni eċċezzjoni</u> tiegħu (dik immarkata bin-numru "4" fin-Nota ta' Eċċezzjonijiet), l-akkużat jitlob l-isfilz tax-xiehda mogħtija minn PC 51 Paul Sciberras lill-espert Dr. Steven Farrugia Sacco stante li dan l-espert ma kellux l-inkarigu li jiġbor ix-xiehda ta' Pulizija li xehed dwar *police work* li wettaq dwar il-qadi ta' dmirijietu. Ikompli li din ix-xiehda hija marbuta mal-ewwel eċċezzjoni in kwantu hija dwar il-filmat li ġie elevat mid-*dashcam* tal-vettura ta' Jason Borg.

10. Illi rigward it-tieni eċċezzjoni, fir-Risposta tiegħu l-Avukat Ġenerali jirreferi għall-inkarigu li ngħata l-espert tekniku Dr. Steven Farrugia Sacco mill-Maġistrat Inkwirenti (*a fol.* 61). Jgħid li minn dan l-inkarigu jirriżulta li l-espert kellu l-inkarigu li jiġbor ix-xiehda kollha li huwa ħass li kienet pertinenti. Jgħid li ma kien hemm l-ebda impediment legali li jwaqqaf lill-espert in kwistjoni milli jieħu x-xiehda ta' PC 51 Paul Sciberras. Jispjega li ċ-*chain of*

*custody* ġiet ikkonfermata kemm minn PC 51 Sciberras kif ukoll minn Jason Borg.

11. Illi fit-tielet eċċezzjoni tiegħu (dik immarkata bin-numru "5" fin-Nota ta' Eċċezzjonijiet), l-akkużat jitlob l-isfilz ta' partijiet mix-xiehda ta' Jason Borg kemm dik mogħtija quddiem l-espert Dr. Steven Farrugia Sacco kif ukoll dik mogħtija quddiem il-Qorti Istruttorja sa fejn f'tali xiehda ssemmi l-filmat li huwa għamel minn fuq id-*dashcam* u liema kopja huwa bagħat permezz ta' pjattaforma elettronika lil PC 51 Sciberras u dan peress li hu jsostni li l-elevazzjoni ta' dan il-filmat hija inammissibbli. Dwar dan il-punt l-akkużat jitlob l-isfilz tax-xiehda li hemm *a fol.* 75 u 76 kif ukoll minn *a fol.* 244 fejn hemm il-mistoqsija: *"it-taxi tiegħek, mgħammar b'xi ħaġa? Għandha xi ħaġa t-taxi"* sa *a fol.* 245.

12. Illi rigward it-tielet eċċezzjoni, fir-Risposta tiegħu l-Avukat Ġenerali jirreferi għal dak li qal taħt l-eċċezzjoni preċedenti u jisħaq li din l-eċċezzjoni hija bla bażi legali.

13. Illi dak li qed jikkontesta l-akkużat fir-rigward tal-eċċezzjonijiet in eżami huwa marbut ma' l-elevazzjoni minn naħa ta' PC 51 Paul Sciberras tal-filmat meħud mit-*taxi* ta' Jason Borg. Jikkontesta wkoll l-katina tal-evidenza marbuta ma' tali filmat. Minbarra dan jilmenta li, minkejja li ma kellux tali jedd, l-espert imqabbad ġabar ix-xiehda ta' PC 51 Paul Sciberras. L-akkużat jilmenta wkoll li Jason Borg qatt ma kkonferma li l-filmat li ġie ppreżentat fl-atti proċesswali huwa l-filmat li fil-fatt ġibed huwa permezz tad-*dashcam* li kienet fit-*taxi* tiegħu.

14. Illi din il-Qorti tinnota li meta wieħed jilmenta dwar il-katina tal-evidenza huwa jkun qed jilmenta dwar il-valur probatorju tagħha. Dwar dan il-punt huwa d-dmir tal-Imħallef togat li jara li waqt il-ġuri jagħti d-direzzjoni neċessarja lill-ġurati kif għandhom iqisu tali evidenza. Din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-22 ta' Novembru 2023 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Clayton Azzopardi** (Numru 28/2022) fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) qalet hekk:

> "46. Illi qabel kull konsiderazzjoni dwar l-aggravju imressaq mill-appellant, il-Qorti terġa ttenni illi hemm distinzjoni bejn l-ammissibbilita' tal-evidenza u l-valur probatorju tagħha. Illi għalhekk huwa biss fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri illi jista' jkun stabbilit il-metodu kif l-marki tas-swaba kienu elevati, ippreservati u eżaminati u dan meta jixhdu l-esperti nominati, kemm fl-inkjesta kif ukoll fl-istruttorja, sabiex jagħmlu dan ix-xogħol. Ma tistax l-Qorti tiskarta evidenza *a priori* li hija rilevanti u ammissibbli. Issa jekk kienx hemm xi ksur fil-katina tal-evidenza, jekk dik l-evidenza setatx kienet ikkontaminata, jekk l-konklużjonijiet milħuqa mill-esperti humiex fjakki u dubbjużi, hija kwistjoni ta' fatt li għandha tkun stabbilita unikament fil-kors tal-ġuri meta tibda' tinstema x-xiehda f'dan il-każ. Illi allura jekk l-konklużjonijiet milħuqa mill-esperti ma hijiex b'saħħitha biżżejjed għaliex mittiefsa minn xi difett fil-ġbir, preservazzjoni jew eżami tagħha, allura titlef mill-valur probatorju u jkun perikoluż illi min hu imsejjaħ biex jiġġudika l-fatti jistrieħ fuqha sabiex isejjes id-deċiżjoni tiegħu."

15. Illi riferenza għandha ssir ukoll għas-sentenza mogħtija fl-24 ta' Jannar 2024 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Darren Mizzi** (Numru 21/2022) fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) saħqet is-segwenti:

> "64. Illi din il-Qorti taderixxi ruħha ma' din il-konsiderazzjoni tal-Qorti Kriminali. Iżżid illi l-prova dwar il-kontinwita' tal-evidenza toħroġ mir-relazzjoni li dawn l-istess esperti ħejjew. Illi fuq kollox kemm Godwin Sammut, kif ukoll, Dr. Marisa Cassar u PC 813 Clinton Vella huma kollha indikati bħala xhieda fil-Lista tax-Xhieda annessa mal-Att tal-Akkuża. Għalhekk waqt id-depożizzjoni tagħhom, waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, ser ikunu f'pożizzjoni jixhdu dwar l-inkarigu lilhom mogħti, kif ġew elevati l-oġġetti, minn min ġew elevati, fil-presenza ta' min, min issiġġilla din l-evidenza

materjali, min għamel l-eżamijiet forensiċi u finalment lil min ġew mgħoddija l-oġġetti wara li l-inkarigu tagħhom kien espletat. B'hekk il-katina tal-evidenza tiġi determinata mill-provi li ser jinġiebu mill-Prosekuzzjoni waqt il-ġuri u imħollija għad-deċiżjoni tal-ġurati dwar il-validità tal-evidenza hekk miġjuba u dan wara li l-istess jiġu indirizzati mill-Imħallef togat u mogħtija d-direzzjoni opportuna. Għalhekk ikun prematur li f'dan l-istadju li fih jinsabu l-proċeduri l-evidenza tiġi sfilzata meta, kif tajjeb ikkonkludiet il-Qorti Kriminali, l-kwistjoni dwar it-traċċabbilita' tal-evidenza għad trid tiġi mistħarrġa u determinata mill-ġurati. Għaldaqstant dan l-aggravju wkoll qed jiġi miċħud."

16. Illi rigward l-ilment marbut mal-fatt li PC 51 Paul Sciberras eleva l-filmat mid-*dashcam* tat-*taxi* ta' Jason Borg, din il-Qorti tirrimarka li sabiex prova tiġi meqjusa inammissibbli u għalhekk tiġi sfilzata jrid jkun hemm regola speċifika li teżiġi dan. Minn naħa tagħha din il-Qorti taqbel ma' dak li jgħid l-Avukat Ġenerali u ċioè li ma hemm l-ebda regola li kienet tipprojbixxi lil PC 51 Sciberras milli jiġbor il-filmat in kwistjoni u li anke jgħaddi tali filmat lill-espert. Din hija parti mill-investigazzjoni li kienet qed tagħmel il-Pulizija.

17. Illi rigward it-tieni eċċezzjoni fejn l-akkużat jitlob l-isfilz tax-xiehda mogħtija minn PC 51 lill-espert tekniku Dr. Steven Farrugia Sacco stante li dan l-espert ma kellux l-inkarigu li jiġbor ix-xiehda ta' Pulizija, din il-Qorti tagħmel riferenza għal Proċess Verbal (*a fol.* 49 *et seq.*) fejn il-Maġistrat Inkwirenti qalet hekk (*a fol.* 51):

"Innominat li Dr. Stephen Farrugia Sacco LL.D. sabiex jagħmel kopja ta' filmati ta' CCTV in konnessjoni mal-każ u jipproduċi l-fotogrammi relattivi, kif ukoll jisma' x-xiehda bil-fakulta' li jagħti ġurament."

18. Illi din l-istess diċitura tinsab fid-digriet mogħti mill-istess Maġistrat Inkwirenti fid-19 ta' Mejju 2016 (*a fol.* 56) meta ġie

nominat l-espert Dr. Steven Farrugia Sacco. Għal kull buon fini jingħad ukoll li l-istess jinsab fid-digriet (*a fol.* 61) meta l-imsemmi espert espleta l-inkarigu mogħti lilu.

19. Illi jidher biċ-ċar li l-espert Dr. Steven Farrugia Sacco ġie mogħti l-fakulta li jisma x-xiehda u jagħti l-ġurament relattiv.

20. Illi rigward it-talba sabiex tiġi sfilżata dik il-parti tax-xiehda ta' Jason Borg li jirrigwarda l-filmat, din il-Qorti ma tqiesx li l-akkużat għandu raġun rigward l-ammissibbilita' tal-filmat. Minbarra dan, din il-Qorti tinnota li fix-xiehda tiegħu tal-25 ta' Mejju 2016 (*a fol.* 75 *et seq.*), Jason Borg jikkonferma li l-filmat li hemm fl-atti proċesswali u li ġie ppreżentat minn PC 51 Paul Sciberras huwa l-filmat li huwa għadda lilu. Għalhekk mhux korrett l-akkużat meta jgħid li Jason Borg ma kkonfermax il-filmat in kwistjoni.

21. Illi b'hekk isegwi li l-ewwel tliet eċċezzjonijiet tal-akkużat qed jiġu miċħuda.

**<u>Ir-Raba' u t-Tmien Eċċezzjoni</u>**

22. Illi din il-Qorti ser tittratta r-raba' u t-tmien eċċezzjoni flimkien minħabba li huma kważi ripetizzjoni ta' xulxin.

23. Illi fir-<u>raba' eċċezzjoni</u> (dik immarkata bin-numru "6" fin-Nota ta' Eċċezzjonijiet) l-akkużat jeċċepixxi l-inammissibilita' tax-xiehda mogħtija mill-iSpettur Elton Taliana (*a fol.* 673 sa 675) stante li jisħaq li din ix-xiehda mhijiex rilevanti għal dan il-każ. Jilmenta li tali xiehda hija ntiża biss sabiex titfa' dell ikrah fuqu u dan minħabba li din hija dwar il-provediment tal-ħelsien mill-arrest mogħti lilu mill-Qorti tal-Maġistrati f'każ separat. Fis-sottomissjonijiet mismugħa minn din il-Qorti, il-konsulent legali tal-akkużat jispjega li huwa qed jilmenta fuq id-deskrizzjoni tar-reat li tiegħu l-akkużat kien instab ħati minħabba li b'hekk, skont hu, moħħ il-ġurati ser ikun preġudikat.

24. Illi rigward ir-raba' eċċezzjoni, fir-Risposta tiegħu l-Avukat Ġenerali jargumenta li din ix-xiehda hija rilevanti fil-kuntest tar-Raba' Kap tal-Att ta' Akkuża. Ikompli li darba li hemm l-akkuża ta' ksur tad-digriet tal-liberta' proviżorja ma kien hemm l-ebda alternattiva ħlief li jiġi preżentat id-digriet in kwistjoni u jitressaq jixhed l-iSpettur minħabba li fid-digriet *de quo* ma hemmx in-numru tal-Karta tal-Identita' jew il-passaport tal-akkużat u li għalhekk ix-xiehda tal-iSpettur tieħu dimensjoni aktar importanti f'dan il-każ. Jargumenta wkoll li f'dan l-istadju r-rwol ta' din il-Qorti mhux dak li tara r-rilevanza tal-provi iżda dak li tiddeċiedi dwar l-ammissibbilta' ta' tali provi.

25. Illi fit-tmien eċċezzjoni tiegħu (dik immarkata bin-numru "10" fin-Nota ta' Eċċezzjonijiet), l-akkużat jargumenta li l-iSpettur Taliana ma għandux jitħalla jixhed dwar in-natura tar-reat li hu kien tressaq dwaru kif fil-fatt għamel quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (*a fol.* 673 *et seq.*) u jgħid li x-xiehda tiegħu għandha tkun limitata sabiex jippreżenta d-digriet bil-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest u dan b'rilevanza għar-Raba' Kap tal-Att ta' Akkuża.

26. Illi rigward it-tmien eċċezzjoni, fir-Risposta tiegħu l-Avukat Ġenerali jispjega li d-digriet in kwistjoni ġie ppreżentat mid-Deputat Reġistratur u li ser tkun hi li tikkonferma d-dokument waqt il-ġuri. Fir-rigward tax-xiehda tal-iSpettur Elton Taliana, jispjega li dan ser jerġa' jiġi mgħajjat jixhed waqt il-ġuri u ma hemmx lok li tiġi sfilzata x-xiehda tiegħu. Jikkonkludi billi jerġa' jagħmel riferenza għas-sottomissjonijiet magħmula fir-rigward tar-raba' eċċezzjoni u jgħid li dawn għandhom jgħoddu għal din l-eċċezzjoni.

27. Illi din il-Qorti taqbel ma' dak li jgħid l-Avukat Ġenerali rigward l-ammissibbilta tal-provi u ċioè li prova titqies li hija inammissibbli biss jekk hemm provvediment tal-liġi li jgħid hekk. F'dan ir-rigward, din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-22 ta' Ġunju 2022 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Anthony Bugeja et** (Numru 9/2008), fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) qalet hekk:

> "11. Illi fir-rigward tal-prinċipju regolatur dwar l-ammissibilita' ta' prova fil-proċess penali, prova ma titqiesx li hija inammissibbli sakemm ma jkunx hemm xi dispożizzjoni espressa tal-liġi li tipprekludi l-ammissjoni ta' dik il-prova."

28. Illi, fost affarijiet oħra, permezz tar-raba' eċċezzjoni dak li qed jikkontesta l-akkużat huwa r-rilevanza tax-xiehda tal-iSpettur Elton Taliana. Dwar id-distinzjoni bejn eċċezzjoni li torbot fuq ir-rilevanza tax-xiehda meta mqabbla mal-kunċett ta' ammissibbilta' tax-xiehda, din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-10 ta' Novembru 2011 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mustafa Ahmed El Gamoudi** (Numru 51/2009) fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) qalet hekk:

> "11. Issa, kif din il-Qorti kellha okkażjoni li tfisser diversi drabi, l-ammissibilita' ta' xhud hi essenzjalment ħaġa differenti mir-relevanza tal-prova li wieħed ikun irid jagħmel permezz ta' dak ix-xhud. Nonostante cio' għadhom jitressqu eċċezzjonijiet li jinjoraw din id-differenza. Huwa għalhekk opportun li jiġu ribaditi l-prinċipji li għandhom jirregolaw il-materja u li ġew elenkati ferm tajjeb fis-sentenza ċitata mill-appellant stess, u ċioè s-sentenza mogħtija fis-27 ta' Novembru 1990 minn din il-Qorti diversament komposta fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Edwin Cioffi**. Dawn il-prinċipji huma s-segwenti:
>
> > "(a) In ġenerali ingħad illi l-kunċett ta' ammissibilita' riferibbilment għall-mezz ta' prova għall-finijiet tal-artikolu 438 tal-Kodiċi Kriminali proprjament jitqies bħala riferibbli għal ***'le condizioni richieste dalla legge per essere ricevuto in giudizio'*** (Koll. Vol. XIX. IV.9) jew għal ***'le condizioni giuridiche del mezzo di prova in se stesso'*** (Koll. Vol. XXVII.IV.595), bħala distint mis-sempliċi rilevanza 'ut sic'. Din id-distinzjoni ġiet spjegata mill-Qorti

Kriminali kolleġġjalment komposta fis-sentenza tagħha tal-4 ta' Jannar, 1929 in re SUA MAESTA' IL RE - VS - AVV. DR. C. MIFSUD BONNICI E CALCEDONIO BUSUTTIL fejn kien ingħad:

***"'Occorre, per ragion di principio, distinguere, in riguardo ad un mezzo di prova offerta dall'accusa o dalla difesa, nel contrasto sull'ammissibilita' o meno dello stesso, se la quistione si riferisca alle condizioni giuridiche del mezzo di prova in se stesso, ovvero invece alle condizioni di ragione del mezzo di prova per poter questo essere considerato importante rispetto a qualunque degli elementi del fatto giuridico in controversia. Nel primo caso la quistione e' veramente una di ammissibilita' del mezzo di prova....nel secondo caso la quistione 'propriamente quella di rilevanza della prova.....'***

"(b) Din il-Qorti fis-sentenza tagħha tat-30 ta' Mejju, 1977 in re R-REPUBBLIKA TA' MALTA - VS - CECIL PACE U HENRY ALBERT PACE a propożitu ta' din id-distinzjoni osservat:

***"'Kif ingħad ukoll minn din il-Qorti f'<u>Repubblika vs. Joseph Gauci</u>, supra, din tidher distinzjoni tradizzjonali fis-sistema probatorju tagħna u f'dan id-dawl forsi jista' jkun ukoll xi ftit sinjifikanti li l-kelma 'relevancy' hi kontrapposta għall-'admissibility' anke fl-artikolu 610(4) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili. Fil-fatt fid-deċiżjonijiet pubblikati d-distinzjoni tirriżulta essenzjalment marbuta mad-diviżjoni tal-kompetenza bejn il-Qorti Kriminali kolleġġjalment komposta (kif kienet sal-1967***

***għall-finijiet tal-eċċezzjoni dwar l-ammissibilita' tal-provi) u l-Imħallef tal-meritu; illum il-pożizzjoni hi li l-Imħallef tal-meritu jiddeċiedi hu ukoll din l-eċċezzjoni salv l-appell lil din il-Qorti iżda peraltro jidher li l-pożizzjoni baqgħet sostanzjalment istess.*** *L-istess Qorti żiedet tgħid:* ***'...proprjament il-kwistjoni issa tirrisolvi ruħha f'waħda ta' appellabilita' o meno. Infatti fis-sentenzi anterjuri li għalihom ġia saret riferenza kien intqal li kwistjoni simili hi ta' kompetenza tal-Qorti tal-meritu (Koll. Vol. XXVII.IV.597) u li 'la decisione sulla rilevanza o meno appartiene esclusivamente a tale Corte' billi l-Qorti Kolleġġjali 'e' chiamata a decidere soltanto della ammissibilita' o meno (fis-sens propriu ġia fuq imsemmi) di prove, ma non della loro rilevanza' (Koll Vol. XXI.IV.15, a pag. 16).***

"c) Fl-istess sentenza din il-Qorti kienet żiedet illi:

*"'**Tassew li xi drabi jista' jagħti l-każ li l-kwistjoni ta' rilevanza tmur aktar il-bogħod u tippreżenta ruħha marbuta ma' dik tal-ammissibilita' fis-sens proprju hawn fuq imsemmi in kwantu li per eżempju tinċidi fuq prinċipji oħra, bħalli kieku fil-każ ta' xhieda tendenti li jippruvaw il-kummissjoni da parti tal-akkużat ta' atti kriminali (jew komunkwe 'wrongful') differenti minn dawk koperti mill-att ta' akkuża (ara sentenzi ta' din il-Qorti <u>Regina vs. Paul Azzopardi</u>, supra, u <u>Repubblika vs. Carmel Mangion et</u>, 11 ta' Diċembru, 1975)'*** iżda spjegat illi meta pero' si tratta ta' kwistjoni ta' mera rilevanza 'ut sic', din hija tradizzjonalment imħollija għall-

apprezzament tal-Imħallef tal-meritu fil-kompetenza tiegħu.

"(d) Hija skorretta ukoll is-sottomissjoni li l-Avukat Ġenerali reġa' tenna f'dan l-appell u ċioè illi l-fatt illi qabel ma jwieġeb għall-mistoqsija jekk għandux eċċezzjonijiet x'jagħti kontra l-ammissibilita' tal-provi dikjarati mill-akkużat jista' jitlob li dan jiddikjara l-oġġett tal-prova u vice versa huwa intiż sabiex il-Qorti, skond jekk tkunx jew le soddisfatta mir-rilevanza tal-prova rikjesta mix-xhieda dikjarati, tkun tista' tiddeċiedi liema minn dawn ix-xhieda huma ammissibbli u liema mhumiex. Din il-Qorti fis-sentenza tagħha ċitata in re PACE, supra, spjegat kif din is-sottomissjoni, '**għalkemm inġenjuża, mhijiex korretta**' u li l-fatt li d-domanda dwar l-oġġett tal-prova issir fl-istadju li ssir ma jbiddilx dak li ġa ingħad dwar id-differenza bejn il-kunċett ta' ammissibilita' u dak ta' rilevanza u li kwistjoni ta' mera rilevanza ta' provi hija ta' kompetenza tal-Qorti tal-meritu salv li, f'każ partikolari u in vista ta' dak li fuq ingħad, din il-Qorti tara, nonostanti t-termini użati, jekk il-kwistjoni kienitx verament waħda ta' mera rilevanza fis-sens li ingħad jew inkella le. Il-konsegwenza legali tkun li jekk si tratta ta' deċiżjoni merament fuq rilevanza ma hemmx appell mentri jekk si tratta ta' deċiżjoni fuq ammissibilita' ta' prova din tkun appellabbli quddiem din il-Qorti.

"(e) Kif ġie diversi drabi deċiż, anki fis-sentenza appena ċitata, id-deċiżjoni dwar ir-rilevanza l-Qorti Kriminali ma toħodhiex u m'għandiex toħodha in forza tal-artikolu 438 tal-Kodiċi Kriminali iżda bis-saħħa tal-artikolu 520(2) tal-

istess Kodiċi li jimponi fuq il-Qorti d-dover li ʻinter aliaʼ ma tħallix li jsir fil-provi dak li ʻ**ma jkunx rilevanti jew ma jkollux xʼjaqsam max-xorta tal-kawża**ʼ.

“(f) Jiġifieri qed jiġi ribadit li fl-istadju preliminari, dak li l-Qorti Kriminali għandha tiddeċiedi fit-termini tal-artikolu 438 tal-Kodiċi Kriminali hija l-ammissibilitaʼ taʼ prova bħala kontrapposta għar-rilevanza taʼ l-istess prova, bʼdan li indipendentement mill-fatt li sussegwentement l-istess prova tistaʼ tiġi regolata jew addirittura eskluża bħala rrilevanti fl-istadju tas-smiegħ tal-provi, l-istess mʼgħandiex tiġi preventivament u prijoristikament eskluża jekk tistaʼ tirriżulta rilevanti għal **ʻfacts in issueʼ**. Dana, din il-Qorti ħasset il-bżonn li tirribadih peress li, kif ingħad, spiss qed jiġri li flok ma l-kunċetti taʼ ammissibilitaʼ u taʼ rilevanza jinżammu distinti dak tar-rilevanza qed jiġi ekwiparat għal dak taʼ ammissibilitaʼ u provi qed jiġu esklużi bħala rrelevanti qabel ma biss jkunu instemgħu u qabel ma l-istess Qorti taʼ meritu tkun verament fil-pożizzjoni li tivvaluta sewwa xʼikunu l-**ʻfacts in issueʼ**. Dan hu eżattament dak li ġara fis-sentenza appellata billi l-ewwel Onorabbli Qorti ħalltet flimkien iż-żewġ kunċetti indiskriminatament bʼmod li ddeċidiet l-ammissibilitaʼ fuq kriterji legali żbaljati.””

29. Illi filwaqt li din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq ċitat, tenut kont taʼ dak li ngħad fiha hija tinnota li sa fejn l-eċċezzjoni tirrigwarda r-rilevanza tax-xiehda tal-iSpettur Taliana din ser tiġi miċħuda. L-akkużat jilmenta wkoll li x-xiehda tal-iSpettur Taliana kienet intiża sabiex titfa dell ikraħ dwaru fʼmoħħ il-ġurija. Din il-Qorti qrat bir-reqqa x-xiehda tal-iSpettur Taliana u hija tal-fehma li ma tressqitx raġuni valida jew legali sabiex ma jixhidx. Minkejja

dan, din il-Qorti tqies li ma jistax wieħed jidħol fid-dettal tar-reat li kien ġie mressaq bih l-akkużat ossia *"b'arrest fuq stupru vjolenti ġewwa l-Bajja ta' San Ġorġ, San Ġiljan"*. Il-provi li jridu jitressqu mill-Prosekuzzjoni fir-rigward tar-Raba' (4) Kap tal-Att ta' Akkuża huma l-kundizzjonijiet imposti għal ħelsien mill-arrest, kemm dawn baqgħu validi u li jiġi pruvat li l-akkużat effettivament kiser tali kundizzjonijiet. Id-deskrizzjoni ta' x'kien ir-reat oriġinali mhux importanti u, fil-fehma ta' din il-Qorti, jista' iwassal sabiex jitfa' dell fuq il-karattru tal-akkużat.

30. In vista ta' dak li ngħad hawn fuq, din il-Qorti ser tilqa' r-raba' u t-tmien eċċezzjoni tal-akkużat <u>biss</u> fir-rigward tad-deskrizzjoni tal-arrest fir-rigward ta' stupru vjolenti ġewwa l-bajja ta' San Ġorġ, San Ġiljan u mill-bqija l-eċċezzjonijiet imsemmija ser jiġu miċħuda.

**<u>Il-Ħames Eċċezzjoni</u>**

31. Illi fil-<u>ħames eċċezzjoni</u> tiegħu (dik immarkata bin-numru "7" fin-Nota ta' Eċċezzjonijiet), l-akkużat jitlob l-isfilz ta' Dok. "ETX" li huwa l-*bail book* tiegħu stante li jisħaq li l-ġurija ma tistax tiġi nfurmata bl-eżitu ta' proċeduri oħra meħuda kontra tiegħu u dan sabiex ma jkunx mittiefes il-prinċipju tal-preżunzjoni tal-innoċenza. Minbarra dan jeċċepixxi li d-dokument in kwistjoni ma jagħmel l-ebda stat ta' fatt kontra tiegħu u għalhekk ma għandux jinġieb bħala prova kontra tiegħu.

32. Illi fis-sottomissjonijiet mismugħa minn din il-Qorti, il-konsulent legali tal-akkużat jippreċiża li Dok. "ETX" huwa *bail book* li saret biss riferenza għalih għalhekk ma hemmx x'jiġi sfilzat. Iżid li dak li qed jitlob huwa li kemm il-darba issir riferenza għal *bail book* u għal kundizzjonijiet dwar il-ħelsien mill-arrest, dawn għandhom isiru wara li l-ġurati jkunu taw il-verdett tagħhom fis-sens li kwalsiasi dikjarazzjoni u xiehda ma għandha qatt issemmi r-reat li bih kien akkużat hu.

33. Illi rigward din l-eċċezzjoni, fir-Risposta tiegħu l-Avukat Ġenerali wieġeb billi rriżerva d-dritt li jwieġeb meta l-akkużat

jidentifika fejn jinsab dan il-*bail book* minħabba li skont hu dan ma jirriżultax.

34. Illi din il-Qorti tinnota li l-akkużat qabel mal-Prosekuzzjoni u ċioè li l-*bail book* mhux parti mill-atti proċesswali ta' dan il-każ. Għaldaqstant il-Qorti ser tiċħad l-eċċezzjoni in eżami stante li ma tirriżultax.

**<u>Is-Sitt Eċċezzjoni</u>**

35. Illi fis-<u>sitt eċċezzjoni</u> (dik immarkata bin-numru "8" fin-Nota ta' Eċċezzjonijiet), l-akkużat jitlob l-isfilz tal-verbal li sar quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja fis-17 ta' Ġunju 2016 (*a fol.* 671 u 672) u dana minħabba lii jirrelata ma' proċeduri totalment separati u huwa ntiż biss sabiex joskura l-karattru tiegħu. Fis-sottomissjonijiet finali mismugħa quddiem din il-Qorti, il-konsulent legali tal-akkużat jippreċiża li dak li qed jitlob huwa li dan il-verbal ma jiġix mgħoddi lill-ġurija.

36. Illi dwar din l-eċċezzjoni, fir-Risposta tiegħu l-Avukat Ġenerali filwaqt li jammetti li dan il-verbal jirrigwarda proċeduri oħra jisħaq li dan jibqa' rilevanti għal każ odjern minħabba li juri kemm damu viġenti l-kundizzjonijiet għal ħelsien mill-arrest li bihom qed jiġi akkużat l-akkużat fir-Raba' (4) Kap tal-Att tal-Akkuża. Jispjega li f'dan l-istadju r-rwol ta' din il-Qorti huwa dak li tara l-ammissibilita' u mhux ir-rilevanza tal-prova u li jekk prova tista' tkun rilevanti din ma għandhiex tiġi skartata *a priori*. Jikkonkludi billi jagħmel riferenza għal dak li qal preċedentement dwar ir-Raba' (4) Kap tal-Att ta' Akkuża u japplikah għal din l-eċċezzjoni.

37. Illi dwar l-eċċezzjoni in eżami għandu raġun l-Avukat Ġenerali u ċioè li l-verbal tas-17 ta' Ġunju 2016 li sar fil-kawża bin-Numru 37/2015 (*a fol.* 671 u 672) huwa marbut sfiq mar-raba' (4) Kap tal-Att tal-Akkuża. Din il-Qorti ma taqbilx mal-akkużat li jekk il-verbal in kwistjoni jibqa' fl-atti proċesswali dan ser ikun qed joħloq preġudizzju lill-ġurati u li ser joskurah. Din il-Qorti taqbel mal-Avukat Ġenerali meta jgħid li f'dan l-istadju r-rwol ta'

din il-Qorti huwa dak li tara l-ammissibilita' u mhux ir-rilevanza tal-prova u li jekk prova tista' tkun rilevanti din ma għandhiex tiġi skartata *a priori*. Għaldaqstant, l-eċċezzjoni in eżami qed tiġi miċħuda wkoll.

**Is-Seba' Eċċezzjoni**

38. Illi fis-seba' eċċezzjoni (dik immarkata bin-numru "9" fin-Nota ta' Eċċezzjonijiet), l-akkużat jeċċepixxi l-inammissibilita' u konsegwentement jitlob l-isfilz tal-parti imsejħa "***Description***" għal kull *still* mid-dokument ossia *timeline* ppreżentat waqt it-testimonjanza ta' dak iż-żmien tal-iSpettur Keith Arnaud (*a fol.* 676 *et seq.*). Jitlob ukoll l-isfilz ta' kull riferenza li ssegwi dwar id-*description* minn kull uffiċċjal tal-Pulizija dwar l-istess *timeline* li tinsab minn *a fol.* 681 sa *a fol.* 701A). Jispjega li din it-tabella hija biss opinjoni tal-ispettur u ma tistax tikkostitwixxi fatt stante li l-filmat kien bla awdjo kwindi ma jistax jingħad jekk il-persuna kinitx qed titkellem ma' persuna oħra. B'riferenza għall-*istills* (*a fol.* 695) jisħaq li dak deskritt huwa purament opinjoni u li tali xhud għandu biss jixhed bħala xhud ordinarju fil-qadi ta' dmirijietu li għamel bħala parti mill-*police work* iżda qatt ma għandu jesprimi opinjoni stante li l-opinjoni hija riservata biss lill-espert maħtur mill-Qorti.

39. Illi waqt is-sottomissjonijiet bil-fomm mismugħa quddiem din il-Qorti, il-konsulent legali tal-akkużat jippreċiża li dak li qed jitlob huwa li d-deskrizzjoni ma tkunx disponibbli għal ġurati. Jispjega li tali deskrizzjoni ma tirriżultax mill-filmat tas-*CCTV*. Ikompli li huwa ma għandu kontroll ta' xejn fuq dak li hemm miktub u dak li ser jaraw il-ġurati. Jgħid li *se mai* għandu jixhed l-iSpettur Arnaud u jiġi eżerċitat kontroll permezz tal-kontro-eżami. Jkompli billi jgħid li d-deskrizzjoni mhijiex veritjiera

40. Illi fir-Risposta tiegħu, l-Avukat Ġenerali jargumenta li huwa l-Imħallef togat li għandu jidderiġi lill-ġurija sabiex jiddistingwu bejn opinjonijiet u fatti. Ikompli billi jargumenta li sabiex wieħed jasal għal konklużjoni jekk l-iSpettur kienx qed jagħti opinjoni jew le, wieħed bilfors irid jidħol fil-mertu tal-każ u li dan mhux ir-rwol

ta' din il-Qorti f'dan l-istadju. Jgħid li dak li qed isir riferenza għalih hija l-ispjega tal-uffiċjal investigattiv ta' dak li għamel u ta' kif wasal għal konklużjoni tiegħu li l-akkużat kellu jitressaq. Jgħid li din mhux opinjoni ta' espert iżda spjega ta' dak li ġabret il-Pulizija u jisħaq li għalhekk ma għandhiex tiġi sfilzata u ma hemm l-ebda bażi legali sabiex titqies inammissibbli.

41. Illi din il-Qorti taqbel ma' dak li jgħid l-Avukat Ġenerali rigward ir-rwol tagħha f'dan l-istadju. Sabiex din il-Qorti tixtarr l-eċċezzjoni in eżami mressqa mill-akkużat hija jkollha teżamina l-filmati li hemm fl-atti proċesswali, tqabbilhom ma' l-istills u tara jekk id-deskrizzjoni magħmula mill-iSpettur Arnaud hijiex korretta. Huwa stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna li mhux ir-rwol ta' din il-Qorti, f'dan l-istadju, li tagħmel evalwazzjoni tal-provi.

42. Illi lanqas huwa ta' fejda l-argument li ġie mressaq mill-akkużat dwar il-kontroll li jista' jeżerċita waqt il-ġuri permezz tal-kontro-eżami. Din il-Qorti tgħid dan minħabba li mill-verbal tad-9 ta' Jannar 2017 (*a fol.* 669 *et seq.*) jirriżulta li l-akkużat kien debitament rappreżentat. Tajjeb wieħed jiftakar li l-ġurati ser ikollhom l-opportunita' li jisimgħu mill-ġdid id-depożizzjoni tax-xhieda li ser jitressqu u jaraw l-evidenza kollha nkluż il-filmati u jekk hemm diskrepanza bejn id-deskrizzjoni u dak li ser joħroġ mill-filmati, l-akkużat xorta ser ikollu l-opportunita' jqajjem tali diskrepanzi u jġibhom a konjizzjoni tal-ġurati.

43. Illi b'hekk l-eċċezzjoni in eżami qed tiġi miċħuda.

**Decide**

44. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-akkużat għajr għar-raba' u għat-tmien eċċezzjoni liema żewġ eċċezzjonijiet qed jiġu milqugħa biss fir-rigward tad-deskrizzjoni tal-arrest fir-rigward ta' *"stupru vjolenti ġewwa l-bajja ta' San Ġorġ, San Ġiljan"*.

45. Finalment, din il-Qorti tħalli l-kawża *sine die* sakemm ikun magħruf l-eżitu ta' xi appell eventwali li jista' jitressaq skont il-liġi.

**Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**